



eiopa

EUROPEAN INSURANCE
AND OCCUPATIONAL PENSIONS AUTHORITY

Rapport Annwali 2016

Fil-Qosor

La l-EIOPA u lanqas kwalunkwe persuna li taġixxi f'isem il-EIOPA ma hija responsabbli mill-użu li jista' jsir mit-tagħrif li ġej.

Il-Lussemburgu: L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea, 2018

Print EI-AD-17-001-MT-C ISBN 978-92-95087-82-8 doi:10.2854/85228
PDF EI-AD-17-001-MT-N ISBN 978-92-95214-00-2 ISSN 2529-5764 doi:10.2854/992866

© EIOPA, 2018

Ir-riproduzzjoni hija awtorizzata kemm-il darba jissemma s-sors oriġinali.

Għal kull użu jew riproduzzjoni ta' ritratti jew materjal ieħor li mhuwiex taħt id-drittijiet tal-awtur tal-EIOPA, għandu jintalab permess direttament mingħand id-detenturi tad-drittijiet.

Kelmtejn qabel mill-President

Biex tiġi żgurata superviżjoni solida u effettiva tas-setturi tal-assigurazzjoni u tal-pensjonijiet, l-EIOPA temmen bis-sħiħ f'approċċ olistiku u integrat lejn superviżjoni prudentzjali u tal-kondotta Ewropea u tul l-aħħar snin l-EIOPA ħadmet ħafna biex tissodisfa l-mandat tagħha fil-forma ta' regolamentazzjoni, pariri tekniċi u superviżjoni ta' kwalità għolja fil-livell Ewropew. Is-sena 2016 ma kinitx eċċezzjoni u dan ir-rapport jipprova informazzjoni approfondita fuq l-attivitajiet u l-kisbiet tagħna matul l-aħħar sena, filwaqt li jisħaq fuq l-impenn tal-Awtorità li tistabbilixxi kultura superviżorja Ewropea komuni bi prattiki superviżorji konsistenti madwar l-Unjoni Ewropea.

Fl-2016, l-EIOPA żviluppat u skjerat għodod u proġetti biex issaħħaħ il-konverġenza superviżorja, biex tissalvagwardja l-istabbiltà finanzjarja u biex issaħħaħ il-protezzjoni tal-konsumatur għad-detenturi ta' poloz u għall-benefiċjarji fl-Unjoni Ewropea. Minbarra l-kompiti estensivi assoċjati mas-Solvenza II, bħall-ġbir u l-ħżin siguri tad-*data*, l-EIOPA nediet il-kalkolu u l-pubblikazzjoni kull xahar tar-rati ħielsa mir-riskju u, għall-ewwel darba, ippublikat rapport dwar il-miżuri ta' garanzija fit-tul. L-EIOPA għamlet test tal-istress tal-assigurazzjoni madwar l-Unjoni Ewropea kollha, żviluppat l-approċċ makroprudenzjali tagħha għall-ambjent b'rati tal-imġax baxxi f'Solvenza II, ippublikat ir-rapport annwali tagħha dwar it-tendenzi tal-konsumaturi u pprovdiet pariri lill-Kummissjoni Ewropea dwar kwistjonijiet inkluż l-iżvilupp ta' prodott Pan-Ewropew tal-Pensjoni Personali (PEPP) u, mal-Kumitat Konġunt, id-Dokumenti bit-Tagħrif Ewlieni għall-Prodotti Aggregati ta' Investiment għall-Konsumaturi bbażati fuq l-Assigurazzjoni (PRIIPS).

Rigward il-Pensjonijiet Okkupazzjonali, l-Opinjoni tal-EIOPA dwar Qafas Komuni għall-Valutazzjoni tar-Riskju u għat-Trasparenza, ipproponiet mod kif tiġi indirizzata s-sostenibbiltà fit-tul tal-wegħdiet tal-pensjoni u ħeġġet aġġustamenti puntwali.

L-implimentazzjoni tal-pjan komprensiv tal-EIOPA favur il-konverġenza superviżorja saret permezz ta' żviluppi ulterjuri fil-Manwal ta' prattiki superviżorji tajba, b'ħidma fuq ir-rapporti ta' konsistenza dwar it-trattament ta' ċerti kwistjonijiet materjali f'mudelli interni u bit-twettiq ta' żjarat fl-Awtoritajiet

ta' Sorveljanza Nazzjonali, bil-forniment ta' feedback indipendenti, bl-ikkontestar għat-titjib ta' prattiki superviżorji u bl-għoti ta' appoġġ għat-titjib fis-superviżjoni nazzjonali permezz ta' eżerċizzji bħat-twettiq ta' Rieżamijiet tal-Karti Bilanċjali. Tpoġġiet ukoll enfasi ikbar fuq il-prattiki superviżorji relatati man-negozju transkonfinali.

L-Awtorità se tibni fuq dawn il-kisbiet fl-2017 aħna u nikkonsolidaw il-pożizzjoni tagħna bħala awtorità superviżorja kredibbli, billi nagħtu prijorità lill-konverġenza ta' prattiki superviżorji u naqdu rwol biex navvanzaw l-aġenda tal-Kummissjoni Ewropea f'oqsma bħall-Unjoni tas-Swieq Kapitali. L-EIOPA trid tibqa' lesta biex twieġeb għall-ambjent politiku u kummerċjali li qed jevolvi, b'mod partikolari għad-diġitalizzazzjoni li qed tespandi u għall-użu dejjem ikbar tal-big *data*. L-EIOPA trid tiżgura li hi iżżomm il-pass ma' dawn l-iżviluppi biex tirreaġixxi b'mod effettiv għall-opportunitajiet u għall-isfidi li ġġib magħha l-innovazzjoni, u b'hekk il-konsumaturi jibbenefikaw iżda jibqgħu protetti.

Biex niksbu l-għanijiet tagħna, aħna nibbażaw fuq firxa wiesgħa ta' sħab u ta' partijiet ikkonċernati. Nixtieq nieħu din l-opportunità biex niringrazzja lill-kollegi tagħna mill-awtoritajiet ta' sorveljanza nazzjonali għall-kooperazzjoni kontinwa tagħhom u għall-aċċess miftuħ li tawna tul l-aħħar sena. Nixtieq ukoll ngħid grazzi lill-Bord tas-Superviżuri u lill-Bord tat-Tmexxija tal-EIOPA għall-impenn strateġiku tagħhom. Il-bini ta' kultura superviżorja Ewropea b'saħħitha mhux se jseħħ mil-lejl għan-nhar iżda, billi naħdmu flimkien, aħna nieħdu impenn li nġibu tibdil pożittiv għall-benefiċċju tal-konsumaturi Ewropej.

Gabriel Bernardino



Kelmtejn qabel mid-Direttur Eżekuttiv

4

Meta nħares lura lejn l-2016, inħossni kuntent li nista' ngħid li l-EIOPA kisbet l-obġettiv strateġiku tagħha ta' operar bħala organizzazzjoni responsabbli, kompetenti u professjonali.

Bħal dejjem, il-ħidma bla heda biex niksbu standard għoli hi element essenzjali tal-mod kif naħdmu. Bħala organizzazzjoni, aħna l-ħin kollu nidentifkaw opportunitajiet biex insaħħu l-effiċjenza tagħna u l-kwalità tal-prodott tagħna.

Fl-2016, dan inkluda rieżami tal-istruttura organizzazzjonali tal-EIOPA biex niżguraw li aħna konna qed naħdmu bl-iktar mod effettiv possibbli u li r-riżorsi tagħna kienu mqassma bl-aħjar mod biex inwettqu l-programm ta' ħidma tagħna. L-istruttura l-għdida li rriżultat, li daħlet fis-seħħ fi tmiem l-2016, irriflettiet it-tibdil fl-istrategġija tal-EIOPA mir-regolamentazzjoni għas-superviżjoni u ħadet f'kunsiderazzjoni l-esperjenza pratika mill-ħames snin preċedenti. It-tibdiliet allinjaw aħjar lill-persunal mal-prijoritajiet organizzazzjonali u se jippermettu lill-EIOPA tikseb l-obġettivi strateġiċi tagħha b'mod iktar effettiv, b'mod partikolari b'riżultat tal-koordinazzjoni msaħħa u tal-ħidma iktar effiċjenti fi ħdan l-organizzazzjoni.

L-immaniġġjar tar-riżorsi, kemm umani kif ukoll finanzjarji, għadu prijorità għall-EIOPA. Fi tmiem l-2016, 95.7 % tal-pożizzjonijiet fil-pjan ta' stabbiliment kienu mimlija, fl-isfond ta' total ta' 139 pożizzjoni. L-Awtorità għamlet 26 kampanja ta' reklutaġġ tul is-sena iżda l-attirar u ż-żamma tal-persunal ta' talent

għadhom sfida. B'ħarsa 'l quddiem, fl-2016, l-EIOPA wettqet ħidma sostanzjali fl-iżvilupp ta' qafas ta' kompetenzi, biex tidentifika l-kompetenzi superviżorji meħtieġa li se jrin jiffaċilitaw l-enfasi dejjem ikbar tal-Awtorità fuq is-superviżjoni.

Il-baġit operattiv tal-EIOPA għall-2016 kien ta' EUR 21 762 500 u fl-eżekuzzjoni tiegħu l-EIOPA tapplika l-prinċipji u l-istandards kollha tal-ġestjoni finanzjarja tajba. Ninsab kuntent li nista' ngħid li, sa tmiem l-2016, ir-rata ta' implimentazzjoni tal-baġit kienet ta' 99.68 % għall-approprijazzjonijiet ta' impenn.

B'ħarsa lejn il-ġejjieni, il-kuntest politiku li qed jinbidel u l-ambjent kummerċjali li qed jevolvi jissuġġerixxu li l-EIOPA ser ikollha bżonn tkun lesta biex twieġeb b'mod attiv għal prijoritajiet li jinbidlu jew għal kompiti ġodda. Kultura organizzazzjonali b'saħħi-tha se tgħinna nagħmlu dan, u jien kburi li nirrikonoxxi l-mod li bih jaħdem il-persunal tal-EIOPA b'rispett tas-sitt valuri tal-Awtorità (effiċjenza, indipendenza, integrità, responsabbiltà, spirtu ta' tim, u trasparenza). Permezz tal-fehim kondiviż ta' dawn il-valuri, aħna se nkunu nistgħu, bħala organizzazzjoni, inwieġbu b'suċċess għall-isfidi futuri flimkien, b'tali mod li nkunu nistgħu nkomplu naħdmu lejn l-għan ġenerali tagħna ta' tisħiħ tal-protezzjoni tal-konsumatur u tal-istabbiltà finanzjarja għall-benefiċċju tal-ekonomija tal-Ewropa, tan-negozju tagħha u, fuq kollox, taċ-ċittadini tagħha.

Fausto Parente



Introduzzjoni

L-assigurazzjoni taqdi rwol importanti fis-soċjetà. Meta taħdem sew, tgħabbi fuq spallejha r-riskju u tikkontribwixxi għat- tkabbir ekonomiku u għall-istabbiltà finanzjarja, biex finalment iġġib sigurtà finanzjarja ikbar għaċ-ċittadini. B'assi li jiswew madwar terz tal-Prodott Domestiku Gross (PDG) tal-Unjoni Ewropea (UE) (73 % fl-2015)⁽¹⁾, is-settur tal-assigurazzjoni tal-UE hu sehem sinifikanti mis-settur finanzjarju. U bl-obbligazzjonijiet li jammontaw għal terz tal-għid tal-unitajiet domestiċi Ewropej, il-konsumaturi jiddependu minn aspetti tas-settur tal-assigurazzjoni għall-introjtu futur tagħhom. Bl-istess mod, il-pensjonijiet okkupazzjonali huma kruċjali biex jiġi żgurat li l-anzjani jkunu protetti mir-riskju tal-faqar fl-irtirar. B'assi li jiswew daqs madwar 25 % tal-PDG tal-UE⁽²⁾, u ħafna iktar f'ċerti pajjiżi, l-assi tal-fondi ta' pensjoni qed jikbru malajr u qed jipprovdu dejjem iktar sors ta' investiment lis-swieq finanzjarji.

L-EIOPA ġiet stabbilita f'Jannar 2011 bħala riżultat tar-riformi tal-istruttura superviżorja fis-settur finanzjarju tal-UE. L-EIOPA hi korp konsultattiv indipendenti tal-UE għall-Parlament Ewropew, għall-Kunsill tal-UE u għall-Kummissjoni Ewropea. Ir-responsabbiltajiet ewlenin tagħha huma li tappoġġa l-istabbiltà tas-sistema finanzjarja, tiżgura t-trasparenza tas-swieq u l-prodotti finanzjarji, u tipproteġi lid-detenturi ta' poloz, u lill-membri u lill-benefiċjarji ta' skemi tal-pensjoni.

Il-missjoni tal-EIOPA hi li tipproteġi l-interess pubbliku billi tikkontribwixxi għall-istabbiltà u għall-effikaċja fi żmien qasir, medju u fit-tul tas-sistema finanzjarja, għall-ekonomija tal-Unjoni, għaċ-ċittadini u għan-negozji tagħha. Din il-missjoni hi segwita permezz tal-promozzjoni tal-qafas regolatorju sod u prattiki superviżorji konsistenti biex jiġu protetti d-drittijiet tad-detenturi tal-poloż, tal-membri u tal-benefiċjarji tal-iskemi tal-pensjonijiet u jingħata kontribut għall-fiducia fost il-pubbliku fis-setturi tal-pensjonijiet okkupazzjonali u tal-assigurazzjoni tal-UE.

L-EIOPA hi waħda mit-tliet Awtoritajiet Superviżorji Ewropej li fihom element importanti tas-Sistema Ewropea ta' Superviżjoni Finanzjarja (SESF), netwerk integrat ta' awtoritajiet superviżorji nazzjonali u Ewropej li jipprovdi r-rabtiet neċessarji bejn il-livelli makroprudenzjali u mikroprudenzjali, b'tali mod li jħalli s-superviżjoni ta' kuljum għal-livell nazzjonali.

Dan ir-Rapport Annwali jispjega l-kisbiet ewlenin tal-Awtorità fl-2016 fl-attivitajiet ewlenin tagħha:

- li ssaħħaħ il-protezzjoni tal-konsumaturi;
- li ttejjeb il-funzjonament tas-suq intern tal-UE fil-qasam tal-pensjonijiet u tal-assigurazzjoni;
- li ssaħħaħ l-istabbiltà finanzjarja tas-setturi tal-assigurazzjoni u tal-pensjonijiet okkupazzjonali; u
- li l-EIOPA tkun organizzazzjoni responsabbli, kompetenti u professjonali.

⁽¹⁾ Sors: Statistika dwar l-assigurazzjoni (mill-għdid) tal-UE-ŻEE tal-Eurostat u l-EIOPA <https://eiopa.europa.eu/financial-stability-crisis-prevention/financial-stability/statistics>

⁽²⁾ Sors: <https://eiopa.europa.eu/financial-stability-crisis-prevention/financial-stability/statistics>

KAXXA TA' INFORMAZZJONI: L-aqwa kisbiet fl-2016

Dokumenti bit-Tagħrif Ewlieni (KIDs)

L-istandards tekniċi regolatorji (RTS) dwar il-KID għall-Prodotti Aggregati ta' Investiment għall-Konsumaturi bbażati fuq l-Assigurazzjoni (PRIIPs) huma tragward fit-titjib tat-trasparenza tal-prodotti ta' investiment permezz ta' informazzjoni sempliċi u komparabbli fis-setturi bankarji, tal-assigurazzjoni u tat-titoli. Issa, għall-ewwel darba, il-konsumaturi jistgħu jqabblu prodotti differenti faċilment u jieħdu deċiżjonijiet ta' investiment informati li jaqdu l-ħtiġijiet partikolari tagħhom.

It-tnedija ta' rieżami tematiku madwar l-UE kollha tal-imġiba tas-suq fost il-kumpaniji tal-assigurazzjoni li joperaw fis-suq tal-assigurazzjoni tal-ħajja marbuta ma' unitajiet ta' investiment

Ir-rieżamijiet tematiċi huma għodda importanti fl-istrateġija tal-EIOPA għat-twertiq tas-superviżjoni kummerċjali, għaliex huma mmirati lejn attivitajiet jew prodotti finanzjarji fejn l-evidenza inizjali tissuġġerixxi li jista' jseħħ detriment potenzjali għall-konsumatur. Ir-rieżami mniedi fl-2016 iffoka fuq l-identifikazzjoni ta' sorsi potenzjali ta' detriment għall-konsumatur li jirriżulta mir-relazzjonijiet bejn l-assiguraturi u l-fornituri ta' servizzi ta' mmaniġġjar ta' assi. Dan ir-rieżami tematiku hu pass importanti fl-iskjerament u fl-implimentazzjoni effettivi tal-istrateġija tal-EIOPA favur qafas komprensiv, preventiv u bbażat fuq ir-riskju għat-twertiq tas-superviżjoni kummerċjali.

Pariri dwar l-identifikazzjoni u l-kalibrar tal-kategoriji ta' riskju ta' investiment fl-infrastruttura

L-investimenti fl-infrastruttura jistgħu jkunu importanti ħafna għan-negozju tal-assigurazzjoni. Madankollu, il-proġetti infrastrutturali jistgħu jkunu kumplessi u jeħtieġu għarfien espert speċifiku fl-immaniġġjar tar-riskju. Għaldaqstant, l-EIOPA ssuġġeriet approċċ iktar granulari u l-ħolqien ta' klassi ta' assi separata taħt il-formula standard ta' Solvenza II għall-investimenti fi proġetti infrastrutturali. L-approċċ propost inaqqas b'mod sinifikanti l-impasti għar-riskju għal investimenti fi proġetti infrastrutturali li jikkwalifikaw fl-ekwità u fid-dejn.

Pariri dwar l-iżvilupp ta' Suq Uniku tal-UE għal prodotti tal-pensjoni personali (PPP)

Il-pariri tal-EIOPA bħala tweġiba għal talba mill-Kummissjoni Ewropea taw kontribut importanti fid-dibattitu dwar kif il-pensjonijiet personali jistgħu jikkontribwixxu għall-issodisfar tal-ħtiġijiet għall-forniment ta' introjti adegwati fl-irtirar u biex jitrawwem investiment ikbar fit-tul għall-fornituri tat-tali prodotti. Minħabba s-suq ferm diverġenti għall-prodotti tal-pensjoni personali fiż-Żona Ekonomika Ewropea (ŻEE), huwa dak il-prodott li jkun prudenzjalment sod tat-tieni reġim, li hu affidabbli b'tali mod li jkun jista' jintwera, trasparenti u kosteffettiv biss jista' jirnexxilu jegħleb l-ostakli u l-inefficijenzi tal-kummerċ u tal-offerti transkonfinali.

L-istat ta' tħejjija tal-EIOPA għar-rapportar ta' Solvenza II

Id-Direttiva Solvenza II tistabbilixxi l-obbligi ta' rapportar u rwol għall-EIOPA fil-ġbir u fil-ġestjoni siguri ta' din id-*data*. Fl-2016, l-EIOPA rċeviet l-ewwel sett tad-*data* sħiħa tar-rapportar, tragward importanti fil-proġett Solvenza II. Biex tikseb dan, l-EIOPA ħolqot mudelli u għodod ta' rapportar komuni biex tappoġġja lill-intrapriżi fl-issodisfar tal-obbligi ta' rapportar tagħhom. L-EIOPA stabbilixxiet ukoll repożitorju ċentrali kompletament funzjonali tad-*data* tal-assigurazzjoni, li ser isir l-iktar database komprensiva u awtorevoli dwar l-intrapriżi tal-assigurazzjoni. Din id-*data* se tiġi analizzata u jsir rapportar dwarha bħala feedback għall-Awtoritajiet Nazzjonali Kompetenti (NCAs) u jipprovdu valur miżjud.

Il-produzzjoni fix-xahar ta' rati ħielsa mir-riskju u aġġustament simmetriku tar-riskju ta' kapital ta' ekwità

Komponenti ewlenin tal-qafas ta' Solvenza II issa se jiġu kkalkolati b'mod konsistenti madwar l-UE u huma replikabbli għall-kumpaniji tar-riassigurazzjoni bil-pubblikazzjoni fix-xahar tal-EIOPA ta' din l-informazzjoni.

L-ewwel Rapport annwali dwar il-Miżuri ta' Garanziji fit-Tul (LTG) u l-Miżuri dwar ir-Riskju ta' Ekwità

Għall-ewwel darba l-EIOPA ppreżentat rapport dwar l-użu u l-impatt tal-miżuri ta' garanziji fit-tul u l-miżuri dwar ir-riskji ta' ekwità fuq il-pożizzjoni finanzjarja tal-assiguraturi Ewropej. Ir-riżultati ta' dan l-eżerċizzju ta' rendikont ikkonfermaw impatt sinifikanti ta' dawn il-miżuri fuq il-pożizzjoni finanzjarja tal-assiguraturi filwaqt li indikaw li l-miżuri ħadmu kif maħsub, inkluż dwar l-istabbiltà finanzjarja kif muri mit-Test tal-Istress tal-Assigurazzjoni tal-2016 tal-EIOPA.

It-tnedija tar-Rieżami tal-Kwalità tal-Assi u tar-Rieżami tal-Karti Bilanċjali tan-negoġi tal-pensjonijiet u tal-assigurazzjoni fil-Bulgarija

Ir-rwol tal-EIOPA kien fundamentali fit-tnedija ta' valutazzjoni komprensiva tar-reżiljenza taż-żewġ setturi fil-Bulgarija, li rriżultat fi kredibbiltà u f'kunfidenza tal-konsumatur imsaħħa. Billi pprovdiet għarfien espert u għarfien settorjali approfonditi, l-EIOPA kkopresediet il-kumitat tat-tmexxija u mexxiet l-elementi tekniċi tal-ħidma inkluż it-teħid ta' rwol primarju fl-iżvilupp tal-metodoloġija għall-eżerċizzju.

It-Test tal-Istress tal-2016 tal-EIOPA

L-EIOPA għamlet it-test tal-istress tagħha madwar l-UE kollha biex tivvaluta l-vulnerabbiltajiet u r-reżiljenza tal-assiguraturi għal żviluppi avversi severi tas-suq fuq il-bażi ta' qafas analitiku komuni. Ir-riżultati kkonfermaw l-isfidi sinifikanti għas-settur tal-assigurazzjoni Ewropew miġjuba mill-ambjent makroekonomiku attwali. Wara l-implimentazzjoni ta' Solvenza II ġiet ipprovduta stampa "b'riżoluzzjoni għolja" tal-vulnerabbiltajiet tas-settur li kienu jeħtieġu attenzjoni superviżorja partikolari. L-EIOPA se tissorvelja l-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet mill-Awtorità Nazjonali Kompetenti mill-qrib biex tiżgura rispons koordinat għal sitwazzjonijiet li jistgħu jkunu ta' theddida għall-vijabbiltà tal-entità ssorveljata u, b'mod kollettiv, għas-sistema sħiħa.

Dokument ta' Diskussjoni dwar l-Armonizzazzjoni Potenzjali tal-Oqfsa ta' Rkupru u ta' Riżoluzzjoni għall-Assiguraturi

L-EIOPA pprovdiet ħarsa ġenerali lejn il-pajsaġġ frammentat attwali, filwaqt li wittiet it-triq għal qafas armonizzat dwar l-irkupru u r-riżoluzzjoni billi pproponiet l-elementi kostitwenti essenzjali. Dan il-qafas jista' jkun pass importanti u tragward prinċipali favur suq tal-assigurazzjoni iktar robust u stabbli għall-benefiċċju tad-detenturi ta' poloz.

Opinjoni għall-Istituzzjonijiet tal-UE dwar Qafas Komuni għall-Valutazzjoni tar-Riskju u għat-Trasparenza għall-istituzzjonijiet għall-provvista ta' rtirar okkupazzjonali (IORP).

Din l-Opinjoni tippreżenta pass kbir 'il quddiem lejn informazzjoni realistika u sensittiva għar-riskji dwar is-sitwazzjoni finanzjarja tal-fondi ta' pensjoni. Ir-rakkomandazzjonijiet tal-EIOPA biex tiġi mmodernizzata r-regolamentazzjoni Ewropea tal-fondi tal-pensjonijiet għandhom l-għan li jsostnu lis-settur tal-pensjonijiet okkupazzjonali biex dan jilqa' għall-isfidi attwali u futuri tiegħu.



eioopa
EUROPEAN INSURANCE
AND OCCUPATIONAL PENSIONS AUTHORITY